# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar il-11 ta' Diċembru 2023**

**Rikors Nru : 404/2023JPG**

**Kawza Nru : 27**

**RR**

**Vs**

**EC**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ta' RR datat 17 ta' Lulju 2023 a fol 1 et seqq li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet iżżewġu f'Malta nhar it-tnejn (2) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta (2003) ġewwa l-Imsida (ċertifikat taż-żwieġ bin-numru 80951 hawn anness u mmarkat bħala* ***'Dok A'****);*

2. *Illi minn dan iż-żwieġ, il-partijiet kellhom iben, DC imwieled f'X li għalhekk illum għandu X-il sena;*

3. *Illi l-partijiet sseparaw permezz ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Daniel John Bugeja datat nhar it-tnejn u għoxrin (22) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin*

*(2023) u għalhekk is-separazzjoni tagħhom ġiet regolata b'dan il-kuntratt (kopja hawn annessa u mmarkata bħala '**Dok B'**);*

4. *Illi anke skont klawżola erbgħa u tletin (34) tal-istess kuntratt, il-partijiet kienu ilhom separati de facto u għalhekk jgħixu f'residenzi separati minn xulxin sa minn sentejn qabel il-publikazzjoni tal-kuntratt pubbliku;*

5. *Illi peress li D, il-wild tagħhom, għadu minorenni, għad hemm l-obbligi relatati mal-kura u l-kustodja kif ukoll tal-manteniment kif regolat fil-kuntratt ta' separazzjoni;*

6. *Illi skont digriet mogħti fl-erbatax (14) ta' Ottubru tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), l-ammont pagabbli ta' manteniment huwa ta' mitejn u sebgħin Ewro (€270) kull erba' ġimgħat;*

7. *Illi iben il-partijiet jgħix mal-omm u għalhekk dan l-ammont għandu jitħallas mill-missier. Dan l-ammont għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri jilħaq l-eta' ta' tmintax (18)-il sena jew jekk ikompli bl-edukazzjoni tiegħu fuq bażi full-time sal-eta ta' tlieta u għoxrin (23) sena (Vide klawżola 7 tal-kuntratt);*

8. *Illi il-kura u l-kustodja tal-minuri hi konġunta pero l-minuri jgħix mal-omm bi dritt ta' aċċess liberu u ampju tal-missier bi preavviż ta' tmienja u erbgħin (48) siegħa (Vide klawżola 10);*

9. *Illi l-partijiet qablu u ddikjaraw li jirrinunzjaw mid-dritt li jitolbu l-manteniment mingħand xulxin (Vide klawżola 5);*

10. *Illi ma jeżisti l-ebda prospett raġjonevoli għar-rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet;*

11. *Illi għar-raġunijiet hawn fuq premessi, ir-rekwiżiti tal-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta jinsabu kollha sodisfatti u jista' jiġi pronunzjat il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;*

***Ghaldaqstant**, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, l-esponenti bir-rispett titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha:*

1. *Previa kull notifika u/jew procedura ulterjuri rikjesta skond il-Ligi, tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-kontendenti, liema zwieg sehh nhar it-tnejn (2) ta' Mejju tas-sena 2003; u*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat in-nota tal-intimat a Fol 15 fejn iddikjara:

> *ILLI permezz tagħha huwa qiegħed **<u>jaqbel mat-talbiet tal-attriċi</u>** b'dana illi umilment jissottometti illi stante li t-talba għal ħall taż-żwieġ tagħhom intalbet mill-attriċi, għandha tkun l-attriċi weħidha illi tkun responsabbli għall-ispejjeż ta' din il-proċedura.*
>
> *Inoltre huwa qiegħed jikkonferma <u>bil-ġurament</u> illi:*
>
> 1. *Il-partijiet iżżewġu nhar it-2 ta' Mejju, 2003 u dan kif inhu indikat fiċ-ċertifikat taż-żwieġ anness mar-rikors promotur u immarkat bħala DOK A. Il-partijiet issepparaw permezz ta' kuntratt pubbliku datat it-22 ta' Ġunju, 2023 li ġie anness u immarkat bħala DOK B mar-rikors promotur.*
>
> 2. *Minn dan iż-żwieġ huma kellhom wild DC li twieled nhar X. L-esponenti dejjem ħallas il-manteniment għal ibnu ai termini tal-kuntratt supraindikat.*
>
> 3. *Il-partijiet iddekadew milli jitolbu l-manteniment mingħand xulxin u dan kif inhuwa indikat fil-kuntratt ta' separazzjoni.*

4. *Bejn il-partijiet ma hemmx prospett ta' rikonċiljazzjoni u li l-partijiet jgħixu ħajja separata minn xulxin.*

Rat u semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-verbal tat-13 ta' Novembru 2023 fejn il-partijiet iddikjaraw li ma ghandhomx aktar provi x'jipproducu jew trattazzjoni x'jaghmlu u stiednu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza. (Fol 18)

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici xehdet** (vide affidavit fol 17) illi l-partijiet izzewgu nhar it-2 ta' Mejju 2003, u minn dan iz-zwieg kellhom tifel li ghadu minorenni. Sostniet illi l-kontendenti sseparaw permezz ta' kuntratt datat 22 ta' Gunju 2023 in atti tan-Nutar Dr Daniel John Bugeja izda ilhom jghixu separatament mill-2021. Xehdet illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni u li ilhom jghixu hajja totalment independenti u separata minn xulxin u lanqas ma hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet.

**L-intimat xehed** (vide fol 19) u kkonferma u kkorrobora dak li xehdet martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-***

***divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-2 ta' Mejju 2003, liema zwieg jgib certifikat numru 522/2003 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 4). Minn dan iz-zwieg twieled tifel li ghadu minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 22 ta' Gunju 2023 in atti tan-Nutar Dr Daniel John Bugeja, izda l-partijiet kienu ilhom jghixu separati de facto minn sentejn qabel il-pubblikazzjoni tal-kuntratt. Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom jghixu separatament ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 522/2003 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**